*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,722, 22 ta' April, 1980*

*Taqsima C*

# Nru. 139

22. 4. 80

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Brincat, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-21 ta' April, 1980.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Brincat, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 21st April, 1980.

**AN ACT further to amend the Malta Armed Forces Act, 1970.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Il-President jista' b'ordni jagħti s-setgħa lil kull membru tal-forza li jeżerċita, b'żieda mal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet li għandu bħala membru ta' dik il-forza, dawk il-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet kollha, jew uħud minnhom, li b'liġi huma vestiti f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u f'uffiċjal tad-Dwana.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ewlieni ta' dan l-Abbozz huwa li jipprovdi sabiex il-Forzi Armati ta' Malta jkunu jistgħu jingħataw is-setgħat li għandhom il-Pulizija u l-uffiċjali tad-Dwana.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Malta Armed Forces Act, 1970.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Malta Armed Forces (Amendment) Act, 1980, and shall be read and construed as one with the Malta Armed Forces Act, 1970, hereinafter referred to as "the principal law". Short title.

**2.** Immediately after subsection (2) of section 4 of the principal law there shall be added the following new subsection: Amendment of section 4 of the principal law.

"(2A) It shall be lawful for the President by order to empower any member of the force to exercise, in addition to any functions, powers and duties he may have as a member of the force, all or any one or more of the functions, powers and duties as are by law vested in a member of the Malta Police Force and in an officer of the Customs.".

---

## Objects and Reasons

The main Object of this Bill is to provide for vesting the Armed Forces of Malta with powers of the Police and officers of the Customs.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*